Qorti Kriminali

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

Att t'Akkuza numru 11/2018

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Christopher Polidano

Illum 28 ta' Lulju 2022

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Christopher Polidano prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-19 ta' Mejju, 2022 fejn espona is-segwenti:-

"Illi b'referenza ghar-rikors present fil-11 ta' Mejju. 2021 li permezz tieghu talab l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex iressaq eccezzjoni ulterjuri dwar l-inammissibilita tal-prova maghmula permezz tal-istqarrija guramentata u ta' kwalunkwe dikjarazzjoni li fl-istadju tal-investigazzjoni minn Rachel Fred f'dawn il-proceduri u konsegwentement l-isfilz mill-atti processwali ta' l-istess stqarrija u kif ukoll ta' kwalsiasi referenza ghaliha fl-atti processwali ta' l-istess stqarrija u kif ukoll ta' kwlasiasi referenza ghaliha fl-atti processwali stante illi dan ix-xhud hija illum mahruba mill-pajjiz u ghalhekk huwa la qatt seta u

m'huwiex ser ikun jista' jaghmel kontro ezami taghha huwa permezz tal-presenti jippreciza illi r-rimedju mitlub minnu huwa fis-sens illi f'kaz li sal-gurnata qabel ma jibda il-guri Rachel Fred tibqa' mahruba mill-pajjiz ghandhom jigu meqjusa inammissibli x-xhieda u dokumenti kollha li ssir referenza ghalihom fit-talba ghal eccezzjoni ulterjuri fir-rikors promotur.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jghogobha tawtorizzah li jaghmel eccezzjoni ulterjuri u dan sabiex jigu salvagwardati d-drittijiet tal-akkuzat ukoll fl-iprem interess tal-gustizzja, billi tqis li f'kaz li sal-gurnata qabel jibda il-guri, Rachel Fred tibqa' mahruba f'dawn il-proceduri u konsegwentement jigu sfilzati mill-atti processwali l-istess stqarrija u kif ukoll kwalsiasi referenza ghaliha fl-atti processwali dan taht dawk il-provedimenti xierqa u opportuni li din l-Qorti hekk tikkunsidra.

Rat id-digriet taghha fejn ordnat notifika lill-Avukat Generali b'jumejn zmien ghar-risposta datat 19 ta' Mejju, 2022.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-24 ta' Mejju 2022 fejn irrileva s-segwenti:-

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jghogobha tawtorizzah iressaq eccezzjoni ulterjuri u dan stante ghal fatt li Rachel Fred hija mahruba mill-pajjiz u konsegwenza ta' hekk ir-rikorrent mhux ser ikollu l-opportunita biex ikun jista jghamel il-kontro ezami tax-xhud;

Illi l-esponenti jirrileva li l-proviso 449 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti d-diskrezzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza eccezzjonijiet ulterjuri

unikament u esklussivament ghal raguni jew ragunijiet li jkunu inqalghu wara l-iskadenza tat-terminu stipulat fl-artikolu 438(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fl-umli fehma tal-esponent din l-eccezzjoni kellha tigi sollevata fiz-zmien it-terminu perentorju koncess taht l-artikolu 438(2) tal-Kap 9. Illi l-persuna koncernant ossia Rached Fred hija persuna barranija li kienet akkuzata b'reati ta' natura serja li jgorru maghhom piena oneruza ferm. Dunque tali riskju ta' harba kien evidentement prezenti waqt it-terminu permess mill-ligi taht l-artikolu 438 (2) tal-Kap 9. Illi l-unika differenza li kien hemm fi stadju ta' eccezzjonijiet preliminari ghas-sitwazzjoni li ghandha prezenti, hija li tali riskju *alla fine* avvera ruhu. Illi ma kien hemm xejn li jipprekludi lir-rikorrenti milli jintavola tali eccezzjoni fi stadju preliminari stante li dan ir-riskju kien ezistenti tul il-process kriminali kollu.

Ghaldaqstant l-esponenti qed jopponi ghat-talba hekk kif dedotta fir-rikors promotur u dana salv kul provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Semghet lill-partijiet jitrattaw ir-rikors dan fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2022.

**Ikkunsidrat;**

Illi f'dan ir-rikors, ir-rikorrenti qed jitlob lil din il-Qorti sabiex jipprezenta eccezzjoni ulterjuri fejn jitlob li f'kaz li x-xhud Rachael Fred ma tattendix bhala xhud fil-guri li ghandu jigi appuntat, ix-xhieda moghtija minnha ghandha tigi sfilzata flimkin ma kull referenza li ssir lil din l-istess stqarrija.

Issa jinghad li bhala principju generali l-kwistjoni dwar il-valur probatorju jew l-ammissibbilita' ta' prova determinanti fil-proċess ġudizzjarju għandu jkun

mqanqal mill-akkużat fit-terminu lilu konċess fl-artikolu 438(2)(i) tal-Kodiċi Kriminali u ċioe' mhux aktar tard minn ħmistax-il jum tax-xogħol minn meta tkun lilu notifikata l-Att tal-Akkuża, terminu perentorju li mhux prorogabbli. Illi qabel ma l-akkużat iressaq eċċezzjoni 'ġdida' wara it-terminu lilu konċess fl-artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa jrid jagħmel talba lil qorti għaldaqstant. Illi allura huwa biss bl-awtoriżżazzjoni mogħtija lilu mill-Qorti Kriminali illi l-akkużat jista' iressaq eċċezzjoni li ma tkunx ġiet sollevata qabel.

Dan il-proviso jipprovdi testwalment hekk;

> *Iżda l-qorti tista' tawtorizza li jingħataw dawk l-eċċezzjonijiet għal raġuni li tkun inqalgħet wara z-żmien li fih in-nota msemmija fl-artikolu 438(2) għandha tiġi ippreżentata fir-reġistru tal-qorti.*

Illi fl-eventwalita' imbagħad li l-Qorti Kriminali tilqa' din it-talba, l-eċċezzjoni għandha tkun mressqa b' nota li permezz tagħha titqanqal l-imsemmija eċċezzjoni b'mod formali, bil-Qorti tipprosegwi sabiex tagħti sentenza, u mhux digriet, fuq l-eċċezzjoni hekk sollevata.

Issa minn qari tar-risposta moghtija mill-Avukat Generali fil-każ in disamina jidher illi t-talba magħmula mill-appellant sabiex iressaq eċċezzjoni 'ġdida' qed tigi miċħuda.

F'dan l-istadju din il-Qorti ma hiex qed tigi mitluba tara jekk l-eccezzjoni li jrid iqajjem ir-rikorrenti hiex wahda li ghandha tigi milqugha jew le izda qed jitlob biss il-permess sabiex jinghata l-fakolta li jipprezenta eccezzjoni ulterjuri u dan fuori t-terminu moghti mill-ligi. Ir-rikorrenti permezz ta' dan ir-rikors qed jitlob li jressaq eccezzjoni b'mod formali. L-unika indaġini li ghandha tagħmel din il-Qorti Kriminali f'dan l-istadju, hu li tqies jekk l-eċċezzjoni li jixtieq iressaq 'il

quddiem l-akkużat (rikorrent f'dawn il-proċeduri) inqalgħet wara ż-żmien mogħti lilu sabiex iressaq l-eċċezzjonijiet preliminari fl-artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali, li kienet proprjament il-kwistjoni riferita lilha għad-deċiżjoni.

Issa minn eżami tal-atti jirriżulta illi r-rikorrenti jixtieq iqanqal eċċezzjoni rigward l-ammissibbilita' o meno tal-prova li bi ħsiebha tressaq il-Prosekuzzjoni permezz tal-istqarrija ġuramentata tax-xhud Racheal Fred.

(eċċezzjoni numru 6). Dan għaliex jinsisti illi huwa ma ingħatax jedd jeżerċita kontroll fuq dak dikjarat minn din ix-xhud fl-istqarrija guramentata tagħha, iktar u iktar għaliex din Fred għażlet li ma tixhidx fi stadju kumpilatorju billi l-proċeduri kriminali istitwiti fil-konfront tagħha kienu għadhom pendenti u allura ma setghatx tkun mġiegħla tagħti x-xiehda tagħha. Għalkemm din l-eċċezzjoni għad trid tkun deciza mill-Qorti Kriminali, jidher madanakollu li minn dak in-nhar li ingħatat din l-eċċezzjoni, ix-xhud, u ċioe' Racheal Fred, abskondiet minn Malta u jidher illi għalkemm inħareg Mandat t'Arrest Ewropew u Mandat t' Arrest Internazzjonali fil-konfront tagħha, din għadha sal-lum mhix rintraċċata.

Kien in segwitu għal dan l-iżvilupp ġdid illi r-rikorrent ressaq talba biex iqanqal eċċezzjoni 'ġdida' dwar l-inammissibilita' bħala prova tal-istqarrija ta' Racheal Fred, u dik ġuramentata wkoll, imsejjes fuq il-fatt illi din ix-xhud illum hija maħruba minn Malta u jekk ma tinstabx hija ma tistax tinġieb biex tixhed viva voce fil-Qorti biex b'hekk, skond kif qed jallega l-appellant, ser ikun prekluż milli jeżerċita kontroll fuq il-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz tal-istqarrija ġuramentata ta' Fred meħuda bis-saħħa ta' dak dispost fl-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti qeghda tawtorizza lir-rikorrenti jipprezenta eccezzjoni ulterjuri ai termini tal-artikolu 438 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan bin-notifka tal-kontro-parti,  fis-sens illi f'kaz li sal-gurnata tas-smiegh tal-guri tar-rikorrenti, ix-xhud Racheal Fred tibqa mahruba mill-pajjiz, ghandhom jigu meqjusa inammissibli l-istqarrija guramentata u kwalunkwe dikjarazzjoni fl-istadju tal-investigazzjoni moghtija minn Racheal Fred f'dawn l-proceduri u konsegwentment jigu sfilzati mill-atti processwali l-istess stqarrija u kif ukoll kwalsiasi referenza ghaliha fl-atti processwali dan taht dawk il-kundizzjonijiet u provedimenti li dina l- Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportunii.

**(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Vera kopja**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**